# Il-Ħuttafa

Numru **152**

Mejju – Ġunju 2019

€2 għal min mhux membru



Xaħmet l-Art

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

Arbuxxell sagħtar (*wild thyme*) fgat bil-fjuri – ġenna tal-art għan-naħal!



# Ħbieb Ħuttaf . . .

Dan l-aħħar mort tieġ. Meta l-għarajjes ħarġu mill-knisja stennejt is-soltu raxxa ross fuq il-miżżewġin friski. Imma flok ross tfaċċaw erba' tfajliet b'kaxxa tal-kartun kull waħda. Fetħu l-kaxxi u minnhom ħarġu jtiru kwantità ta' friefet! Friefet kbar u żgħar, friefet suwed u blu, sofor u bojod, friefet oranġjo, friefet ileqqu.

U n-nies kollha "Oooooooh!"

Jien ukoll stagħġibt, imma mhux bil-ġmiel tal-friefet. Stagħġibt kemm in-nies għadhom iqisu l-annimali bħala oġġett ta' tiżjin.

Tgħiduli: "U iva, mhux ħaġa sabiħa li teħles ftit friefet?"

Il-problema hi li dawk il-friefet ma kinux friefet Maltin imma friefet impurtati minn barra – illum kollox issib tixtri onlajn. Milli stajt nagħraf kienu kollha friefet tropikali, minn inħawi bħall-Afrika Ċentrali u l-Amerka t'Isfel. Sintendi għax hemmhekk issib l-ikbar u l-iktar friefet kuluriti tad-dinja. Il-problema hi li dawn il-friefet fil-klima ta' Malta ma jgħixux, u għalhekk probabbli mietu kollha dak il-lejl stess li nħelsu. U biex tkompli tgħaxxaqha għamlet ix-xita...

Għad hawn wisq nies li jaħsbu li d-dinja u kull ma fiha hija proprjetà tagħna l-bnedmin. L-annimali donnhom jeżistu biex jaqduna, ipaxxuna, jagħmluna komdi, jagħmluna sinjuri, eċċ. Aħna biss u aħna dejjem!

Kemm se ndumu biex nitgħallmu nittrattaw l-annimali bħala ħutna ħajjin, mhux skjavi jew oġġetti tagħna.

Nawguralkom vaganzi tal-ġenn, mimlijin baħar u ċafċif.

**Victor**

**Victor Falzon**
L-Editur

Victor Falzon








Ritratt ta' Charles Gauci

**Ix-Xaħmet l-Art** Ocellated Skink *Chalcides ocellatus*

Wara xitwa mgezzez f'ħofra f'xi ħajt tas-sejjieħ, ix-xaħmet l-art joħroġ igawdi s-sħana tar-rebbiegħa u s-sajf. Wara xhur sajjem issa jixxala jibla' l-insetti li bħalissa jkunu komuni. Ix-xaħmet l-art ma jfixkel u ma jagħmel ħsara lil ħadd, għalhekk inħalluh jgħix bil-kwiet miskin. Bħar-rettili l-oħrajn, huwa wkoll imħares bil-liġi.

## F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | 2 |
| **Aħbarijiet** | 3 |
| **Għasfur ferut?** | 4 |
| **Mitlufin?** | 5 |
| **Is-sinjorina tad-draguni** | 5 |
| **Ittra mingħand Amy** | 6 |
| **Showdown!** | 7 |
| **Ir-russett tas-siġar** | 8–9 |
| **Mangroves** | 10 |
| **Agħtiha l-kulur** | 11 |
| **Avviżi** | 11 |
| **Iż-żnuber** | 12–13 |
| **Il-monakella** | 14–15 |
| **Kolina u Żeppinu** | 16 |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Martina Brancato (National Aquarium), Maria Darmanin (BOV), Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia (Wasteserv)

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Ġunju 2019


Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Erġajna żdidna!

F'dawn l-aħħar ġimgħat fir-riserva tal-Għadira faqqsu erba' familji! Tnejn tal-monakella u tnejn tal-fras-servjent.

Il-monakell (little ringed plover) ilu jbejjet regolari fir-riserva mill-1995. filwaqt li l-fras-servjent (black-winged stilt) ilu jbejjet kważi kull sena mill-2011. Is-sena l-oħra l-fras-servjenti ma bejtux, imma dis-sena pattew.

Għalhekk bħalissa l-Għadira hemm jiġru sitt blalen żgħar tas-suf bis-saqajn (flieles tal-monakella!), u tmien blalen tas-suf ftit ikbar, bis-saqajn ftit itwal (flieles tal-fras-servjent!). F'dar-ritratt ħelu tal-ħabib tagħna Aron Tanti tidher familja tal-fras-servjent, b'erba' flieles ta' ftit ġranet. U ġenituri tant kburin!



# Ta' Qali se jikber!

**Prosit kbira lil min ħolom bil-proġett biex jikber il-park ta' Ta' Qali. Qrajna figuri sbieħ: 80,000 siġra, medda ta' 450,000m$^2$, daqs ta' 63 grawnd tal-futbol, eċċ.**




Ħafna mill-ġonna pubbliċi tagħna huma tal-biki. Mhux għax forsi fihom xi skart. Il-ġonna huma tal-biki anke **qabel** ma jsiru! Il-problema li min jiddisinjahom jinsa li dawn suppost ġonna, jiġifieri postijiet fejn tara l-ħdura, il-fjuri, is-siġar, ħamrija u natura. Min jippjanahom ikun iktar moħħu f'kemm strutturi ħa jdeffes. Għalhekk nispiċċaw b'ħafna passaġġi taċ-ċangatura, bankijiet, lampi, tabelli, statwi, xi vaska tonda tal-konkos... u sintendi gabbana u latrina. U fl-aħħar xi erba' konok tal-konkos b'siġra (aktarx palma) fihom.

Nisperaw li l-parti l-ġdida li se tiżdied mal-park f'Ta' Qali ħa tkun medda sabiħa fejn issaltan in-natura, u mhux xi ristorant jew outdoor gym.




# Mostri fil-baħar

Meta tissemma' l-problema ta' fejn se narmu l-iskart tal-bini, spiss xi għaref jissuġġerixxi li nużawh biex nibnu ġżejjer fil-baħar.

Min joffri din bħala soluzzjoni jkun qed juri biċ-ċar li m'għandux farka rispett lejn in-natura. Min jitkellem hekk għadu jaħseb li l-baħar huwa landa taż-żibel, li qiegħ il-baħar huwa deżert vojt lest biex jilqa' l-imbarazz tagħna.

Xi ħadd dan l-aħħar qal li fil-każ il-ħsara li nagħmlu fil-baħar inpattu għaliha billi dawn il-gżejjer ġodda nagħmluhom riservi naturali.

Tgħid mhux hekk!





is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: kull meta jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Għasfur ferut?



Peter, oħtu t-tewmija Sylvia, u l-ħbieb tagħhom (tewmin ukoll) Maris u Sky kienu għadhom kif skulaw. Peter kien talabhom jibqgħu miegħu wara l-iskola għax kellu bżonn l-għajnuna tas-seħer speċjali tagħhom.

Peter kien fil-kunsill tal-iskola u kienu qed jippjanaw biex jagħmlu barbikju filgħaxija f'Mejju, f'għalqa mitluqa ħdejn l-iskola. Għalhekk Peter ried ikun ċert li ma ssirx ħsara lin-natura.

"Ma nafx," qalet oħtu, "Ilha mitluqa din l-għalqa, u qatt ma nara xejn fiha."

Imma lkoll qablu li xorta aħjar jiċċekkjaw. Wara kollox kienu jieħdu gost jgħaqqdu jdejhom jisimgħu leħen in-natura.

Id f'id imxew sat-tarf l-ieħor tal-għalqa. F'ħin minnhom semgħu:

*"Iva bil-mod, qisek qatt ma kilt!"*
*"Ejja, Pa! EJJA, TINI!"*
*"Anke jiena! Tini, TINI!"*

It-tfal ħarsu lejn xulxin.

"Qed nisma', imma m'jien nara xejn," qalet Sylvia.

"Hemm ara! Mal-art!" għajjat Sky.

Ftit bogħod minnhom raw għasfur lewn il-ħamrija, donnu jzappap u jkaxkar ġwinħajh.

"Miskin, dak ferut!" qalet Maris. "X'se nagħmlu?"

"Inċemplu lill-BirdLife," wieġbet fil-pront Sylvia, li kienet membru fi Klabb Ħuttaf. Il-ġenituri kienu jħalluhom jużaw il-mobajl, basta f'emerġenza, u din żgur kienet emerġenza. Ħarġet il-mowbajl u ċemplet 79255697.

Wiġibha xi ħadd jismu Nimrod u bla nifs Sylvia qaltlu fuq l-għasfur ferut, u staqsietu x'jistgħu jagħmlu sakemm jaslu tal-BirdLife.

"Ikkalma, ikkalma," qalilha Nimrod, "Spjegali sew x'qed tara."

Sylvia spjegatlu, imbagħad irringrazzjaha u qalilha:

"Ara, ibdew bil-mod resqin lura minn fejn ġejtu bla ma taqilgħu għajnejkom minn fuq l-għasfur."

It-tfal obdewh.

"Issa," kompla tal-BirdLife, "għidli jekk il-ġewnaħ baqax imdendel, u x'qed jagħmel l-għasfur."

It-tewmin iċċassaw għax mhux talli l-għasfur kien donnu fieq, imma f'daqqa waħda tar lejn roqgħa ħamrija u poġġa fl-art. Minħabba li kien lewn il-ħamrija niexfa, sparixxa mill-ewwel.

"X'ġara?" staqsiet Sylvia, "Fejjaqtu minn fuq it-telefown?"

"Le," daħaq Nimrod, "Dik li qed taraw hija bilbla u ma kienet feruta xejn. Il-bliebel jiġu Malta f'April biex ibejtu, u mid-dehra intom ersaqtu viċin xi bejta. Il-blieleb jibnu l-bejtiet fl-art u jsibu ħafna x'ifixkilhom. Meta jaraw periklu riesaq, il-ġenituri jmorru quddiem dak il-periklu u jagħmluha tabirruħhom feruti. Il-predatur idur għalihom u jipprova jaqbad lilhom, u jħalli l-bejta biż-żgħar bi kwiethom. X'ħin il-ġenituri jkunu biegħdu l-predatur biżżejjed mill-bejta, f'daqqa waħda id-diżabiltà 'tgħaddilhom' u jtiru 'l hemm!"

"Tal-blieh!" għajtu t-tfal f'daqqa. Sylvia qalet grazzi lill-uffiċjal tal-BirdLife u qatgħet.

"Mela dawk l-ilħna li smajna kienu l-frieħ jittalbu l-ikel minn missierhom," qal Peter. "Imnalla smajniehom għax ma konniex nindunaw li hemm bilbla tbejjet fl-għalqa."

"Mel'issa lill-kumitat għidilhom biex il-barbikju nagħmluh f'Lulju," qalet Maris. "B'hekk il-bilbla tkun lestiet mill-bejta u l-frieħ ikunu tajru."

"U l-għalqa nkunu nistgħu nużawha!" daħaq Sky.




Victor Falzon



F'paġna 7 hemm iktar fuq dan it-trikk tal-bilbla.

# Mitlufin?



Victor Falzon

Daż-żmien tas-sena spiss insibu għasafar tal-bejt frieħ jaqbżu fl-art donnhom mitlufin. Ir-rix bilkemm ikun telgħalhom u jkunu għadhom ma jtirux. Qalbna toħroġ għalihom u nkunu rridu ngħunuhom. Imma dawn is-soltu ma jkunu mitlufin xejn. Anzi missierhom u ommhom ikunu x'imkien viċin, aktarx ikunu qed jarawk u qed jistennewk twarrab ħalli jinżlu jitimgħu liż-żgħir tagħhom! Sakemm ma jkunux f'nofs triq jew fejn hemm il-qtates, l-aħjar ħaġa hi li titbiegħed u toqgħod għassa sa ma jinżlu għalihom il-ġenituri.

# U jekk ma tafx...

Aħna l-għasafar tal-bejt ukoll inħobbu nċafċfu fl-ilma! Mela jekk għandek ġardina das-sajf ftakar fina u agħmlilna pixxina! Imla plattina tal-qsari bi ftit ilma ħalli aħna wkoll ninżlu niffriskaw fih.






Victor Falzon

# Is-sinjorina tad-draguni

## (Move over, Daenerys!)



Victor Falzon

Jekk stennejtu xi xena minn *Game of Thrones* jiddispjaċina! Hawnhekk nippreżentawlkom lis-sbejħa damiġella, insett mir-razza tal-mazzarelli. Il-mazzarelli (*dragonflies*) huma insetti kbar li malajr tinduna bihom speċjalment jekk ikunu qed itiru. Id-damiġella tixbahhom ħafna imma hija ħafna iżgħar u rqiqa kważi daqs labra tal-ħjata – biex taraha trid għajnejn ta' seqer (jew ta' naturalist!) Bħall-kuġini kbar tagħha, l-iktar li ssib lid-damiġella huwa fejn l-ilma, xi ġibjun, vaska jew għadira. Dan l-ambjent tħobbu għax tiekol in-nemus li jkun ħdejn l-ilma, u għax hi stess tbid ukoll fl-ilma. Għalkemm għandu isem femminili (anke bl-Ingliż *damselfly*), dan l-insett sintendi jista' jkun raġel jew mara. Mhux dejjem faċli tagħrafhom għax in-nisa jvarjaw fil-kulur u xi wħud jixbhu ħafna lill-irġiel.








Heyyy Huttafers,

My name is Amy, I am 10 and I want to travel the world when I grow up. My father says that I will need quite a bit of money saved up, so I decided that I will start from now.
I have a plan. My plan is simple – earn money, spend some of it and save the rest. I could actually save everything I earn, but hey every girl has her needs and those shoes sure look awesome. Grrr Amy, forget those shoes, let's focus on my plan!

**Earning Money**
Obviously I don't work, but I get some weekly pocket money. I also do some chores around the house and dad gives me an extra €5 (i.e. when I am good and actually remember to do my bed, wash the plates and feed the dog!). On special occasions like my birthday and Christmas, I get money instead of gifts.

**Spending Money**
I looovvvee spending, so it is not easy sometimes to stop myself. But I am smart, so I am careful how to spend it. I have 4 piggy banks, called Lily; Travvy; Donny and Sosy. Lily is where I put my spending money, so if I earn €10, I put €4 in Lily so that I can spend it on the little things like snacks or gifts for my friends. Before I buy something I check if Lily has enough. If not, I wait until the next week...or I try to sweep the floor so dad will give me a few more euros ☺

**Saving Money**
Donny is my good piggy, I put €2 aside so that I can donate it to the animal shelter or buy food for the cats in the field behind our house. Sosy on the other hand is my emergency piggy. I am always losing my stuff so Sosy is great for emergencies! And then Travvy keeps the money safe for my future travels ♥ I put €3 in it every week and I never spend any of it. Trav will go around the world with me!

Dad says when Travvy becomes full, I can deposit the money I have saved into a BOV bank account that he opened just for me!

So that's my plan for saving money to travel around the world. What's yours?

Love,
Amy

# SHOWDOWN

## Sfida bejn bilbla u serp



Il-**bilbla** (short-toed lark) tibni l-bejta fl-art fix-xagħri, għalhekk il-bajd u l-flieles tagħha dejjem fil-periklu li jsibhomlha u jikolhomlha s-**serp iswed**. Hawnhekk naraw bilbla tiddefendi l-bejta minn serp billi tipprova tiġbidlu l-attenzjoni lejha ħalli ftit ftit tbiegħdu mill-bejta u minn uliedha.










Sensiela ritratti drammatiċi meħudin ftit ġimgħat ilu f'Għawdex min-naturalista ħabib tagħna **Denis Cachia**

# Russett tas-Siġar

Little Bittern *Ixobrychus minutus*



Ritratt ta' Aron Tanti



MALTA NATIONAL AQUARIUM

# YOURS TO DISCOVER

A MANGROVE is a tree that lives so close to the shoreline that they are flooded with salt water every day as the tide comes in and submerges their roots.



All mangroves have evolved special adaptations that enable them to live in salt water



They push salt from the ocean water out through their leaves. The salt forms crystals on the leaf surface.

The soil where mangroves live is poor in oxygen - cone roots and aerial roots help the tree gain oxygen from air when the roots are submerged.





The little seeds, called propagules, fall off the tree, and can be swept away by the ocean current and will float before sinking to the muddy bottom.





Lots of species populate the mangrove forest!



They don't live everywhere! Where we can find them?




Contact: info@aquarium.com.mt
WWW.AQUARIUM.COM.MT

# Agħtiha l-kulur...



## Fras-servjent
### Black-winged stilt

Victor Falzon







Jekk għandek tpinġija tan-natura li tixtieq inġibuhielek fil-magażin ibgħathielna fuq dan l-imejl: **education@ birdlifemalta.org**




Għal aħbar sabiħa fuq il-fras-servjent ara paġna 3.




**Grazzi u prosit lil dawn l-iskejjel li matul din is-sena kienu abbonati f'*Il-Ħuttafa*.**

Għal tagħrif u avviżi fuq attivitajiet tal-BirdLife dejjem żuru l-websajt...

**birdlifemalta.org/events/**





Desirée Falzon

# iż-Żnuber



Ix-xuxa folta taż-żnuber hija xena familjari f'diversi ġonna, toroq u fil-kampanja. Din t'hawn tikber fl-inħawi ta' Selmun.

## Aleppo Pine *Pinus halepensis*



**Aleppo** hija belt fis-Sirja imma dan ma jfissirx li ż-żnuber inġabet Malta minn hemm. Fil-fatt din l-ispeċi hija indiġena u mifruxa mal-pajjiżi tal-Mediterran.

**Sabiħa s-sena kollha, imma speċjalment fix-xhur sħan tas-sajf. Għax fis-sħana r-reżina taż-żnuber terħi r-riħa tipika ta' din is-siġra u timla l-arja bi fwieħa ta' foresti!**



Victor Falzon

### il-weraq

Il-weraq taż-żnuber huwa twil u rqiq donnu labar – fil-fatt bl-Ingliż jgħidulhom *pine needles*. Din il-forma stramba tgħin lis-siġra biex ma titlifx wisq ilma mill-pori tal-weraq. Għalkemm hija siġra dejjem-ħadrana (*evergreen*), iż-żnuber twaqqa' ħafna weraq. Minħabba r-reżina li jkun fih, il-weraq li jaqa' jdum biex jitmermer u għalhekk taħt dawn is-siġar spiss jitrabba tapit folt ta' weraq niexef. Minn dan it-tapit ma jikber kważi xejn, u b'hekk iż-żnuber tevita l-periklu li tikber siġra oħra viċin u toħnoqha.

### il-prinjoli

Iż-żnuber hija mir-razza tal-koniferi, grupp ta' siġar primittivi li kienu jeżistu qabel man-natura 'ivvintat' il-fjuri! Għalhekk iż-żnuber qatt ma 'tgħallmet' tagħmel il-fjuri. Flok fjuri tagħmel speċi ta' frott jgħidulu prinjol (*cones*) u minn dawn tagħmel żewġ tipi: prinjoli rġiel u prinjoli nisa.



Victor Falzon



Victor Falzon

**Il-prinjoli rġiel** jitfaċċaw għal ħabta ta' Frar f'bukketti żgħar ħodor weqfin f'tarf il-friegħi. Wara ftit ġranet jisfaru, jinfetħu u minnhom joħroġ ħafna polin isfar li jtir mar-riħ. Il-prinjoli mbagħad jinxfu u jaqgħu.

**Il-prinjoli nisa** jitfaċċaw wara li jkunu ddakkru mill-polin tal-prinjoli rġiel. Il-prinjola mara ddum xi tliet snin tikber, u taħt l-iskwami titrabba ż-żerriegħa. Fis-sħaħa tas-sajf il-prinjola tinfetaħ u minnha taqa' ż-żerriegħa.

### Kenn tajjeb

Il-weraq folt taż-żnuber jipprovdi kenn tajjeb għal ħafna għasafar għajjenin tal-passa. Fl-irqajja' żnuber li hemm fil-Buskett kull rebbiegħa u kull ħarifa jinżlu jorqdu (fost oħrajn) mijiet ta' **kuċċard**, **isqra**, **bgħadan** u **kwakk**. Dawn ikunu għadhom kemm qasmu medda baħar u jkollhom seba' mitt sena biex isibu x'imkien fejn jinħbew ħalli jorqdu ftit.



Malvizz imperreċ f'siġar taż-żnuber

Aron Tanti

Victor Falzon

# Il-Monakella

## Ħajjitha f'xifer ir-ramla

**Għasfur żgħir li jgħaddi ħajtu jterraq f'xatt il-baħar jew l-għadajjar, daqqa jiġri u daqqa jieqaf f'salt biex inaqqar xi dudu jew ħanex mir-ramel jew mit-tajn.**




Victor Falzon

**Isem xjentifiku** *Charadrius dubius*
**Isem bl-Ingliż** Little Ringed Plover
**Daqs** 15-18ċm **Piż** 30-50g
**Ikel** invertebrati tal-ilma
**Ħabitat** Xtut ramlin jew bit-tajn
**Status** Regolari u frekwenti fil-passa, ftit pari jbejtu.




Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u xi ħwienet tal-kotba.



BirdLife Malta

Charles Gauci



Daqs proprju ta' bajda tal-monakella



Il-bejta tkun ħofra baxxa mdawra bi ftit qxur ta' arzell u ċagħaq żgħir. Il-monakella tbid minn tliet sa erba' bajdiet ta' lewn li ftit li xejn jispikka.

F'dar-ritratt il-flieles jidhru sew għax inzertaw qegħdin fuq ir-ramel. Imma kieku mteddu f'roqgħa ċagħaq, kien ikollhom kamuflaxx perfett.



Raymond Galea



Meta jfaqqsu, il-flieles tal-monakella jkunu diġà jafu jiġru. Imma f'każ ta' periklu jintefgħu fl-art u ma jiċċaqalqux, kif qed jagħmlu fir-ritratt.

Aron Tanti



Il-ġenituri jieħdu ħafna ħsieb taż-żgħar tagħhom. Filgħaxija l-flieles jidħlu kollha jitgeddsu fir-rix ta' żaqq ommhom jew missierhom. Dan jagħmluh ukoll fl-eqqel tas-sħana biex jistkennu mix-xemx qawwija, kif naraw fir-ritratt.

Aron Tanti



Monakella żagħżugħa



Post tajjeb għall-monakella hija r-riserva naturali ġdida tas-Salina, li issa qiegħda f'idejn il-BirdLife. Hawnhekk il-monakella diġà bejtet xi drabi.





# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żring

**Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.**







**Żeppinu.** Imma Kolina, aħna bilfors billejl kellna niġu naraw il-fkieren ifaqqsu? Jien norqod irrid.
**Kolina.** Iva Żeppinu, għax meta jfaqqsu l-fkieren żgħar aktarx joħorġu billejl mill-bejta fir-ramel biex jevitaw li jattakkawhom il-predaturi.
**Żeppinu.** Lili n-ngħas qed jattakkani...
**Kolina.** Żeppinu, jekk ma narawx dawn il-meravilji tal-ħolqien kif ħa napprezzaw il-ġmiel tan-natura. Xxx! Qed nara xi ħaġa! Hemm ara, eżatt f'nofs ir-ramla. Ħares sew.
**Żeppinu.** Iva Nann! Qed nara fkieren żgħar ħerġin mir-ramel: 1... 2... 3... 4... 5... Uuuu, Nann, kemm hemm! Qed nitfixkel ngħodd.
**Kolina.** Qed tara xi ġmiel bla qies in-natura!
**Żeppinu.** Veru Nanna, imnalla insistejtli biex niġi miegħek. Imma qed nara sew? Fekruna minnhom daħlet u nqabdet f'tazza tal-plastik!
**Kolina.** Iva povra fekruna, għadha tfaqqas u diġà bdiet tbati mill-iskart li n-nies jarmu barra. Dik ma tafx x'inhi tazza u qatt mhi se ssib kif toħroġ minnha u tasal il-baħar ma' ħutha l-fkieren.
**Żeppinu.** L-oħrajn kollha kważi waslu fil-baħar imma hi miskina għadha maqbuda. Ejja mmorru ngħinuha toħroġ minn dik in-nassa.

*U hekk għamlu. Bi ftit sforz bejn it-tnejn li huma rnexxielhom joħorġu lill-fekruna ferħa mit-tazza u jidderiġuha lejn il-baħar biex tingħaqad mal-oħrajn.*

**Kolina.** Imnalla konna hawn, għax povra fekruna tat-twelid kienet se tispiċċa vittma tal-iskart tal-bnedmin. Dan kollu għax ma rmewx it-tazza fejn suppost.
**Żeppinu.** Mhux biss! Ftit ilu tkellimna fuq kemm jiswa li l-ewwel u qabel kollox **innaqqsu** l-iskart. Dik it-tazza setgħet ma ntużatx kieku n-nies ġabu magħhom tazza li terġa' tintuża. U jekk kienet tazza ta' ġelat, min xtrah messu xtara kown ħalli jevita l-iskart u jkollu aktar x'jiekol!
**Kolina.** Hekk hu. Kellhom bżonn il-bnedmin jitgħallmu daqs kemm qed titgħallem int, Żepp!

Mela tinsewx! Das-sajf nippruvaw innaqqsu l-iskart li niġġeneraw, speċjalment fix-xtut ta' pajjiżna. L-iskart li ma stajniex nevitaw imbagħad nifirduh u narmuh kif suppost.



Tpinġija Victor Falzon

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE